# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Ottubru, 2001.**

**Nru: 1**

**Citazzjoni Nru: 1571/01GV**

**Hompesh Trading Company Limited.**

**-vs-**

**Nicholsons The Supermarket Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva ta' sebat elef, sitt mija u erba' u tletin Lira Maltin u sitta u tlettin centezmu (Lm7,634.36) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' prodotti ghall-konsum lilha mibjugha u konsenjati mis-socjeta' attrici;

Premess illi s-socjeta' konvenuta giet nterpellata ghall-hlas bilancjali baqghet inadempjenti;

Premess illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta' konvenuta m' ghandhiex eccezzjonijiet x' taghti ghat-talbiet attrici;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici tablet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikoli 167-171 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont bilancjali komplessiv ta' Lm7,634.36 (sebat elef, sitt mija u erba' u tlettin Lira Maltin u sitta u tletin centezmu) flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-bejgh sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra nterpellatorja tat-23 t' Awissu, 2001 u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju gia ntavolat qabel il-prezenti, kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**